MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Numru 1510/2007

Il-Pulizija
(Spettur Johann J.Fenech)

vs

Paul Magro

Il-Qorti,

L-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 492273(m) huma talli fis-6 ta' Settembru ghal habta tal-hamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar gewwa l-"Illusions Bar' f'Birzebbugia:

(a) bil-hsieb li jikkommetti serq, wera dan il-hsieb b'atti esterjuri u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi attenta li jisraq xi flus li l-valur taghhom jeccedi l-Lm100 liema tentattiv ta' serq huwa kwalifikat bil-mezz u l-valur ghad-dannu ta' Joseph Sultana u Silvio Grima,

liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu;
(b) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ magna tal-loghob ghad-dannu ta’ Joseph Scicluna, liema ammont ta’ hsara ma tiskorrix il-hamsin lira maltin imma hi izjed minn ghaxar liri maltin;
(c) sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:
L-imputazzjonijiet jittrattaw l-attentat ta’ serq u l-hsara volontarja. Minn xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni l-allegat attentat sar fuq magna tal-loghob li sofriet xi hsara minhabba f’hekk. Dwar l-magna hi kienet gewwa hanut jismu ‘Illusions’ f’Birzebbugia. Xehdet il-persuna li kienet qed tiehu hsieb il-hanut li stqarret li kienet sabet lill-imputat jilliva l-bieba tal-magna. Ziedet tghid din ix-xhud li l-magna kien fiha xi flus u ghalkemm kienet proprjeta’ ta’ terzi r-rikavat kien igawdi minnu wkoll l-istess hanut. Gew esebiti ritratti tal-bieba in kwistjoni, mittiehda mill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, li juru livar fil-bieba u l-istess bieba kemmxejn miftuha. Inghad minn rappresentat tas-socjeta’ li hi sid il-magna li fiha kien hemm Lm160 u kienet sofriet Lm27 bhala hsara.

Mill-assiem tal-provi, ghalkemm l-imputat jinnega li hu ried ghamel biex jisraq, l-Qorti hi tal-fehma li l-akkuzi jinsabu pruvati. Mhux kontestat li l-imputat kien fil-gurnata u hin inkriminat fejn il-magna tal-loghob in kwistjoni u lanqas, kif

jindikaw il-fatti, li harab jigri l-barra mill-hanut kif appena l-presenza tieghu giet notata.

Intant, mill-fedina penali tal-imputat huwa bil-wisq car li hu kellu problema ta’ droga. Il-Qorti propositament uzat l-kelma ‘kellu’ billi mir-rapport redatt minn ufficjal tal-probation jirrizulta li l-imputat dahal ghall-programm ta’ rijabilitazzjoni b’rizultat posittiv hafna kif setghat wkoll tikkonstata l-Qorti fil-kors tal-udjenzi quddiema. Hu minnu li kellu precedenti ta’ serq li jirrisalu ghas-snin 2007/2008 kif tevidenzja s-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta tat-29 ta’ Gunju 2008. Madanakollu piena karcerarja f’dan il-kaz tkun, fil-fehma tal-Qorti, kontroproducenti.

Issib ghalhekk l-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikolu 41, 261(b)(c), 264, 267, 278(2)(1), 325(c) u 17(h) tal-Kap 9. Tiddecidi li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggi l-imputat taht sorveljanza ta’ ufficjal tal-probation ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum bl-awspicju li l-imputat jkompli fil-progress li wera s’issa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------